MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 426/1978/2

**Michael A. Vella fil-kwalita' tieghu ta' direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Michael Vella Limited ghan-nom taghha proprju u bhala aventi kawza mis-socjeta' Louis Vella Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Victor E. Ragonesi LL.D. in rappresentanza tal-Phoenicia Hotels Company Limited u Joseph Xuereb ghal kull interess li jista' jkollu f'isem u in rappresentanza ta' S.C. Xuereb Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta installat zewg (2) "passenger lifts" tal-marka Fiam, u zewg "dumbwaiters" fil-lukanda "Phoenicia" fil-Furjana, bil-prezz komplessiv ta' sebat elef u tletin lira Maltin (Lm7.030) skond il-kont anness, Dok. A;

Illi minn din is-somma fadal jithallas l-ammont bilancjali ta' tlett elef mija u teltin lira Maltin (Lm3,130) skond il-kont anness;

Ii meta giet interpellata ripetutament biex tissalda l-bilanc is-socjeta' konvenuta ppretendiet illi l-imsemmi bilanc kellu jithallas mis-socjeta' konvenuta l-ohra, u cioe' S.C. Xuereb Limited li minn naha taghha offriet hlas anqas minn dak dovut;

Illi fil-fatt l-ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma hallset;

Ghalhekk is-socjetas attri9ci talbet li l-konvenuti jew min minnhom, skond il-kaz, jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kundannati jhallsu lill-attur nomine l-ammont bilancjali dovut skond kont anness (Dok. A) fis-somma ta' tlett elef mija u tletin lira maltin (Lm3130) oltre interessi legali kummercjali fuq dan l-ammont mill-14 ta' Ottubru 1974 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-14 ta' Ottubru 1974 ingunti wkoll ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Company Limited fejn gie eccepit :-

Illi s-socjeta' minnu rappresentata kkuntrattat unikament u esklussivament mas-socjeta' S.C. Xuereb Limited u ma ghandha ebda relazzjonijiet kontrattwali jew giuridici mas-

socjeta’ attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-giudiziu;

Illi minghajr pregudizzju is-socjeta’ eccipienti kienet ghamlet akkordju mas-socjeta’ appaltatrici principali li l-kwestjonijiet kollha li jinqalghu riferibilment ghall-appalt in kwestioni jigu riferiti ghall-arbitragg, u ghalhekk l-eccipient nomine ghandu jigi liberat ab observantis;

Illi minghajr pregiudiziu tas-zewg eccezzioijiet, ix-xoghol maghmul mis-socjeta’ attrici sar hazin, m’hux skond l-arti u sengha, m’hux accettabili u ghalhekk l-azjoni odierna hija intempestiva, u l-eccipient m’ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Compasny Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li s-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Company Limited eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta S.C. Xuereb Limited fejn gie eccepit :-

Preliminarjament illi l-azzjoni tal-attur nomine hija parenta bil-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-Artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili;

Fil-meritu, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, illi l-eccipjenti m’huwiex debitur tal-attur nomine;.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta S.C. Xuereb Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 1993 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici kkonstatat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata miz-zewg konvenuti ma tapplikax meta abbinata mal-pretensjoni tas-socjeta attrici li kien hemm interuzzjoni sia permezz ta' rikonoxximent tad-debitu u sia permezz tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 1974;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-okumenti esibiti;

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta S.C. Xuereb Limited;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Company Limited;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tippremetti li kienet istallat zewg (2) "passenger lifts" tal-marka Fiam, u zewg "dumbwaiters" fil-lukanda Phoenicia fil-Furjana. Tippremetti ukoll li ghal din l-istallazzjoni ghad ghanda tiehu bilanc ta' tlett elef mija u teltin liri maltin Maltin (Lm3130). Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li s-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Company Limited tippretendi li l-imsemmi bilanc ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta l-ohra S.C. Xuereb Limited, li ukoll irrifjutat li thallas l-imsemmi bilanc. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jew min minnhom jigu kundannati jhallsu l-imsemmi bilanc;

Is-socjeta konvenuta Phoenicia Hotels Company Limited qed teccepixxi li kienet ikkuntrattat biss mas-socjeta' konvenuta l-ohra S.C. Xuereb Limited u ghalhekk ma ghandha ebda relazzjonijiet kontrattwali jew giuridici mas-socjeta' attrici. Teccepixxi ukoll li kienet ghamlet akkordju mal-imsemmija socjeta' appaltatrici li l-kwestjonijiet kollha jigu riferiti ghall-arbitragg. Finalment teccepixxi li x-xoghol in kwestjoni sar hazin, m'hux skond l-arti u sengha u m'hux accettabili u konsegwentement din l-azjoni hija intempestiva, u inoltre ma hu dovut xejn lis-socjeta attrici. L-istess socjeta konvenuta eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta S.C. Xuereb Limited qed teccepixxi prliminarjament li din l-azzjoni hi parenta bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili. Fil-meritu teccepixxi li mhux debitrici tas-socjeta attrici;

L-ewwel trid tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Difatti z-zewg socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li din l-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta skond il-provedimenti tal-artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili;

L-imsemmi artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew xogholijiet ohra ghax-xoghol taghhom u ghall-materjal fornit jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn. Jirrizulta li dawn il-provedimenti huma applikabbli ghall-azzjoni in kwestjoni. Is-socjeta attrici esegwit dawn ix-xogholijiet bejn Marzu u Novembru 1970 (vide dokument a fol.4). Is-socjeta attrici ghamlet ittra ufficjali biss kontra is-socjeta konvenuta S.C. Xuereb Limited. Dina l-ittra giet presentata fl-14 ta' Ottubru 1974 (fol.276) u notifikata fil-15 ta' Novembru 1974;

In vista ta dawn il-provedimenti is-socjeta attrici kellu tibda dawn il-proceduri fi zmien sentejn minn meta temmet ix-xogholijiet in kwestjoni. L-ittra ufficjali li saret kontra

wiehed biss mill-konvenuti giet presentata u notifikata ferm wara li ghadda l-imsemmi periodu ta' sentejn. Ghalhekk jirrizulta li ma kien hemm l-ebda interruzzjoni la permezz ta' xi interpellazzjoni ufficjali u lanqas b'xi ammissjoni tal-konvenuti jew xi wiehed minnhom. Inoltre z-zewg konvenuti cahdu li huma debituri tas-socjeta attrici meta saret referenza ghal gurament tagghom;

Jirrizulta ghalhekk li din l-azzjoni hi preskritta u dana fil-konfront taz-zewg konvenuti. Difatti jirrizulta li l-imsemmija ittra ufficjali saret (4) snin wara li spiccaw ix-xoghlijiet. Zgur li mhux applikabbli l-preskrizzjoni ta' tletin (30) kif f'hin minnhom ippretendiet is-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li ma hemm ebda inkompatibilita bejn din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti. Din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni lanqas ma hi konkorrenti mal-eccezzjonijiet l-ohra;

Fid-dawl ta dan kollu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata miz-zewg konvenuti ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk tiddikjara li din l-azzjoni attrici hi preskritta skond il-prvedimenti tal-artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------